MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH BONNICI

Seduta tat-22 ta' April, 2004

Talba Numru. 1993/2002

**Dorianne Bartolo Vella**

**Vs**

**Industrial Motors Limited**

It-Tribunal,
Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-23 ta’ Awissu 2002 fejn l-attrici talbet sabiex is-socjeta` konvenuta thallas l-ammont ta’ Lm1500 (elf u hames mitt lira Maltin) bhala prezz tal-pompa tad-diesel li zvillupat hsara fil-perjodu tal-garanzija fil-vettura tal-attrici u xi hsarat ohra ikkagunati mill-istess pompa.

Fl-avviz tat-talba intqal:-
Is-socjeta` konvenuta ghandha tigi kkundannata thallas lill-attrici l-valur u nstallazzjoni ta’ pompa tad-diesel gewwa l-vettura taghha tal-magna Seat Cordoba numru ta’ registrazzjoni DOR 725 liema pompa zvilluppatilha l-hsara fil-perjodu tal-garanzija oltre l-hlas ta’ danni ohra konsegwenzjali ghal hsara fil-pompa tad-diesel.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta` konvenuta.

L-ammonti relattivi ghal din it-talba tal-attrici m'ghandhiex taccedi s-somma ta' Lm1500.

Ra r-risposta fejn inghad li:-
It-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt ghal diversi ragunijiet fosthom illi l-hsara li sofriet il-pompa kien kawza ta' diesel kontaminat, eventwalita` li zgur mhix responsabbli ghaliha s-socjeta` Industrial Motors Limited. Dan gie anke konfermat minn ezami li sar fuq l-istess pompa barra minn Malta minn specjalista tal-pompi tal-marka 'Bosch'.

Sema' x-xhieda u ezamina d-dokumenti.

Ikkonsidra:-
Illi l-punt kardinali li jrid jigi deciz huwa precizament jekk l-allegat hsara fil-'fuel injection pump' kenitx koperta bil-garanzija ta' sena. Il-kuntratt ta' bejgh datat 16 ta' Marzu 2001 jistipula 'substitution of parts which may result to be of faulty workmanship or defective manufacture'. L-attrici xtrat vettura minghand is-socjeta` konvenuta li tallega li kien tort id-diesel hazin li hawn fil-pajjiz. Di fatti, it-testijiet li saru barra minn Malta jissugragaw din it-tezi.

Jinghad pero`li da parti l-istess socjta` konvenuta, ma saru l-ebda testijiet fuq id-diesel fil-vettura u/jew fil fuel filter. Is-Service Manager tal-istess socjeta` stqarr li din kienet l-unika okkazzjoni fejn issuccieda dan il-kaz. In oltre s'issa azjenda wahda biss timporta u tqassam id-diesel hawn Malta.

L-oneru ta' prova da parti tal-attrici huwa li tipprova l-kaz taghha fuq bilanc ta' probabiltajiet. L-attrici dana ghamlithu.

Huwa facli hafna li socjeta' bhal dik konvenuta tipprova tistahba wara element li m'ghandiex kontrol fuqha l-istess attrici. Il-fatt ta' kaz uniku wiehed biss f'azjenda bhal dik konvenuta jimmilita ta' kontra taghha stess li pompa ta'

diesel gralha l-hsara bid-diesel lokali – kieku ara kemm aktar kien ikollhom kazijiet. Izda minhabba li kienet kaz uniku l-istess pompa kienet diffettuza ‘ab initio’ – u bit-thaddiem gralha l-hsara ghal liema ghandha tirrispondi s-socjeta’ konvenuta. Dwar l-ammont tal-hsara, dana jammonta ghal elf u mitejn Lira (Lm1200) kif stipulat mill-istess socjeta` konvenuta.

Jiddeciedi billi jichad l-eccezzjoni tal-konvenuta, jilqa` t-talbiet attrici u jikkundanaha thallas is-somma ta’ elf u mitejn Lira (Lm1200) bl-ispejjez u nteressi mid-data tal-prezentata tal-avviz sad-data tal-pagament effettiv.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------